MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 37

27 ta` Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta u kwart ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**SKUŻAT:**

Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

## 37.1    Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat l-ittra ta` apologija tas-Sur Eman Zerafa u din giet milqugha bi qbil unanimu minn dawk prezenti.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq decizjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-ahhar laqgha ma gewx ipprezetnanti u gie deciz li jigi diskusss item 37.5 Korrispondeza.

Is-Sindku spjega li laqgha li kellha ssir it-Tnejn giet posposta ghall-llum minhabba laghqa li riedet issir urgenti dwar l-attivita tal-Birgufest 2017.

## 37.5 Korrispondenza

37.5.1 Ġiet moqrija l-ittra li l-Kunsill ircieva fejn is-Sindku ta` Betlehem ma laqax l-istedina li  ghamilhu l-Kunsill u dan ghal fatt li ser ikun msiefer fuq zjara ohra fi Franza. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jikteb lill-Professur Lobrano sabiex nuru l-interess li l-Kunsill jixtieq ikun mistieden gewwa Betlehem.

37.5.2 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand zewg taljani dwar l-interess taghhom li jesebixxu mal madwar 150 pittura  gewwa l-Berga tal-Ingliterra u li matul certu zmien issir irkant u l-Kunsill ikollhu persentagg minn dan l-irkant. Is-Sur Gellel qal li ghandhu jsir kuntatt bi ftehim sakemm ser jibqa jintuza dan il-post.

Is-Sur Trevor Mizzi gie skuzat minhabba ragunijiet personali

37.5.3 Intbaghtet ittra lill-Onorevoli Ministru Dr. Ian Borg dwar il-progetti pendenti fil-lokalita tal-Birgu li jaghqu taht ir-responsabilit tieghu fosthom; il-klabb tar-Regatta, klabb tal-Bocci u Triq ta` Sally Porte. Is-Sindku qal li kellhu l-

opportunita li jkellmu b`wicc imbwicc u gie mgharraf li bil-mod il-mod kollox kien ser ssir.

37.5.4 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-appell li kien sar dwar il-Munument ta` La Vallette, ma giex accettat mill-Planning Authority u ghalhekk inqata kontra l-Kunsill. Is-Sur Gellel qal li post alternattiv fejn jista` jsir munument ta` La Vallette huwa faccata ta` Cafe Riche. Dwar dan gie deciz li ttiehed decizjoni aktar `il quddiem.

37.5.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda approvazzjoni tal-kwotazzjoni li l-Kunsill gab dwar il-bollards fi Triq Desain.

37.5.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sindku ta` Marrugio wera xewqa tieghu sabiex jibda l-process ta` gemellag mall-belt tal-Birgu. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu.

37.5.7 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva korrispondenza minghand il-PBS dwar talba sabiex issir il-filming tal-video tal-kanzunetta li ser tirraprezenta lil Malta fil-JESC. Ghal din it-talba, il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni u dan ghal fatt li ser jidhru xeni differenti tal-Birgu.

37.5.8 Il-Kunsill qieghed fl-ahhar fazi tal-process sabiex jinghatha lilu l-flus sabiex jigu nstallati l-bankijiet f`Couvre Porte u ix-Xatt mal-genb tal-Muzew Marittimu.

37.5.9 Inbghatet notifika li-residenti kollha tal-Birgu dwar laqgha li ser ssir gewwa Ghawdex relatata mall-Progett LADDER. Is-Sindku propona li nsaqsu lill-project manager dwar min ser jiehu hsieb jibbukja lukanda u logistics l-ohra.

37.5.10 Giet moqrija l-korrispondenza dwar l-inizjattiva biex jinqaghtu xi flus mill-pagi, jew allowances tal-Kunsilliera sabiex imorru ghall-Istrina. Is-Sur Attard, Is-Sur Gellel u s-Sur Boxall flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv qabblu ma` din l-inizjattiva.

37.5.11 Intbghatet email lid-Direttur tar-Restoration Unit dwar Triq il-Kwartier, fejn wara saret laqgha mall-istess Direttur u l-Periti kkoncernati fejn gie deciz li f`parti mit-triq it-Torri ta` San Gwann issir bhal ma sar fi Triq il-Vittimi tal-Polvrista u dan sabiex ma tibqax tizloq specjalment fix-xita.

37.5.12 Giet prezentata l-korrispondenza dwar l-ahhar steering committe li ser ssir tal-progett LADDER gewwa Strasbourg bejn it-22 u t-23 ta` Novembru. Ghal din il-konferenza ghad irid jigi deciz min ser jattendi wara li l-Kunsill jara min ser ihallas l-ispejjez.

37.5.13 Giet moqrija korrispondenza li ntbaghet lis-Segretarju Parlamentari Chris Camilleri u kkupjat s-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar il-problema tal-hamiem selvagg u jekk il-bye law gietx prezentata u diskussa. B`risposta ghal din il-korrispondenza, wiegeb l-Onorevoli Silvio Parnis fejn staqsa lill-Onorevoli Chris Camilleri jekk din gietx merssqa. Il-Kunsill unanimament qabbel li dak li ghandhu jsir, jsir.

37.5.13 Giet prezentata ittra li ntbaghet lid-Direttur Generali dwar il-progett WELCOME, fejn kien hemm xi spejjez li kellhom jigu koperti mill-progett imma sfortunatament baghqu ma gewx ihallsa mill-project leader. Il-Kunsill talab biex jirraporta mall-Unjoni Ewropeja.

37.5.14 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu kiteb ittra lis-Sur Joe Attard, fejn l-istess Kunsill talab l-ghajnuna finanzjarja sabiex il-Kunsill ikun jista` jixtri siggijiet tas-sala ta` fuq fil-Berga ta` Franza li giet irrestawrata.

37.5.15 Il-Kunsill ircieva proposta minn naha ta` guvni mill-Birgu sabiex issir projection mall-hajt fi Triq it-Torri ta` San Gwann matul l-attivita tal-Birgufest 2017 is-Sibt filghaxija. Din il-proposta hija wahda sabiha u tajba imma tinvolvi hafna spejjez.

37.5.16 Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar il-Premju Anzjanita Attiva 2017. Is-Sur Gellel propona lis-Sur Lorry Farrugia, is-Sindku propona lis-Sur Leli Attard u s-Sur Lawrence Attard propona lis-Sur John Boxall. Wara diskussjoni li saret, dan l-item ma giex konkluz.

37.5.17 Mibughta talba mill-klabb tar-Regatta ta` Bormla sabiex nhar il-Hadd 17 ta` Settembru jisghtu jghaddu minn fejn il-Munument tal-Helsien mic-celebrazzjonijiet b`karru mill-qaddiefa. Is-Sindku qal li ghal din it-talba l-Kunsill ma sabx ogezzjoni u li nforma lis-Segretarju tal-Klabb li jimxi u josserva il-kundizzjonijiet elenkati fl-ittra tieghu stess. Is-Sur Attard qal li dakinhar tal-attivita id-double decker ma setax jghaddi sew minn fejn Santa Tereza, Bormla u meta nies kellmu driver li kien qed johloq kongestjoni, id-driver kien ferm arroganti maghhom u ghamel ta` rasu. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabbel li ghandu jinforma lis-Sindku ta` Bormla dwar dan.

37.5.18 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-process tal-bye law dwar reklamar fit-toroq waslet lejn l-ahhar fazi.

37.5.19 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni li giet sottomessa mill-Kunsill Lokali ta` Bormla dwar l-installazzjoni tal-e-bike ma gietx approvata.

37.5.20 Is-Sindku pprezenta korrispondenza li ntbghatet lill-Onorevoli Anthony Agius Decelis dwar il-learning hub tal-anzjani sabiex din tkun tista` tibda topera. Ghal din il-korrispondenza, s-Sur Decelis nforma lill-istess Kunsill li ser taghmel kuntatt mall-Kunsill, is-Sinjura Magri.

37.5.21 Mibughta l-agenda u l-programm tal-konferenza tal-AVEC li ser ssir gewwa Tours fi Franza u li ghaliha ser jattendu s-Sindku u l-Vici Sindku.

37.5.22 Giet mressqa talba li saret lill-Planning Authority li saret mill-hanut Old Tommy Store u dan sabiex jinghatalhu l-permess minn Class 4B ghal Class 4D kif ukoll sabiex ikun jista` jqieghed l-imwejjed u siggijiet barra.

37.5.23 Intbaghtet korrispondenza mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi dwar l-attivita li ser ssir f`Couvre Porte fejn talbu lill-Kunsill biex jkunu jisghtu juzaw is-sala tal-Kunsll f`kaz li jkun il-maltemp. Wara li giet diskussa, il-Kunsill qabbel li ma jistax joffri din il-possibilita ghal fatt li kienet qed tintrama ghall-konferenza li kellha ssir fil-jiem ta` wara.

## 37.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.6.1 Is-Sur Boxall propona biex issir imprint fi Triq il-Palazz tal-Gvernatur u fi Triq il-Habs l-Antik.

37.6.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li cctv camera li kellha ssir fiz-zona tal-Fortini, saret bis-sistema tal-panelli. Is-Sur Boxall zied jghid li hemm problema li number plates mhux qed jidhru cari u ghalhekk il-Kunsill qieghed f`diskussjoni mall-kumpanija biex din tigi rrangata ghall-ahjar.

## 37.7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

37.1 Is-Sur Gellel qal li wara li qed jghaddi l-iscammel minn Triq Patri Indri Vella, ir-residenti ta` din it-triq qed johorgu l-borza taz-zibel. Ghal dan is-Sur Gellel qal li ghandha tintbghat karta lil kull residenza. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill irid ikellem lil dawn ir-residenti kollha ta` din it-triq.

## 37. 8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri minn BOV 3706 – 3752 fejn cekk numru BOV 3713 gie kkancellat u cekkijiet minn numru HSBC 9644 – 9647 . Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 1 ta` Settembru 2017 sas-27 ta` Settembru, 2017.

## 37.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin ghoxrin ta` filghaxija (7:40pm). Ma gietx aggornata laqgha tas-seduta li jmiss.

Konfermati Il-Hamis 2 ta` Novembru 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |